MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1355/2002/1

**Raymond Gatt fil-kapacita tieghu ta' stralcarju tas-socjeta Continental Postform Limited**

**vs**

**Mario Vella Petroni ezercitanti l-kummerc ghan-nom tad-ditta Fitwell.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Mejju 2002, fejn intalab li l-konvenut nomine jigi kkundannat ihallas lill-attur nomine s-somma ta' erba' mija u hames liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm405.33) rappresentanti prezz ta' materjal mibjugh mis-socjeta Continental Postform Limited lill-istess konvenut nomine.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali datata 25 ta' Jannar 2001 u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta'l-istess u cioe' mit-30 ta' Jannar 2001 kontra l-konvenut nomine.

Ra r-risposta tal-konvenut nomineipprezentata fit-28 ta' Gunju 2002 fejn gie eccepiet:

1. Illi t-talba attrici hija preksritta.
2. Illi l-konvenut mhux il-legittimu kontradittur.
3. Illi kienet saret tpacija a saldu ta' dak li kien dovut.
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi permezz ta' nota ipprezentata fil-5 ta' Novembru 2002, l-konvenut nomine iddikjara illi huwa qieghed jecepixxi l-preskrizzjoni ta'l-azzjoni abbazi ta'l-artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Sema' x-xhieda tal-konvenut Mario Vella Petroni. Ra d-dokumenti esebieti konsistenti f'*invoice* mahruga mid-ditta Contintental Postform Limited immarkata bhala Dokument RG1, kif ukoll kopja ta' stima ta' kompressur ta'l-arja esebieta a fol.31 tal-process.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra,

Illi l-uniku xhud li xehed f'din l-istanza kien il-konvenut Mario Vella Petroni li in sostenn ta'l-eccezzjonijiet minnu sollevati sahaq illi huwa direttur tas-socjeta Southern Holdings Limited liema socjeta tinnegozja taht l-isem FITWELL. Kienet din is-socjeta li ghamlet xi negozju mal-Continetal Postform Limited u dana qabel l-1995. Hija kienet tixtri *panels* tal-*postform*, jinharrgu l-*invoices* relattivi u l-hlas isir wara. Jiftakar illi ghal habta ta'l-1995 huwa kien partat il-kompressur uzat minnu ma' kompressur izghar tas-socjeta Continental Postform Limited, u id-differenza fil-prezz kellu jinqata' mill-kont li s-socjeta minnu rapprezentata kellha pendenti ma' din is-socjeta. Peress illi huwa ma kienx sema' aktar minn ghand is-socjeta Continental Postform Limited minn dak iz-zmien kien assuma li il-kaz kien maghluq u li kienet saret it-tpacija. Huwa jikkontendi illi l-ewwel ittra ufficjali li huwa irceva kienet fis-sena 2001, liema ittra kienet iggib id-data tal-25 ta' Jannar fejn l-indirizz kien zbaljat. Huwa jishaq illi ir-*registered office* tal-kumpanija minnu

rappresentata jinsab gewwa il-Mosta, Constitution Street u il-hlasijiet li kienu isiru kienu dejjem jigu effetwati ghan-nom ta’ din is-socjeta.

Ghalkemm l-konvenut kellu jipprezenta kopja tac-cekkijiet li bihom kienu isiru l-pagamenti jew inkella ir-ricevuti li kienu jinhargu, meta isir l-istess pagament, dana baqa’ ma ghamlux. Lanqas ma ghamel il-verifiki tieghu rigward l-ammonti indikati fl-*invoice* esebieta mill-attur nomine, Dokument RG1, esebieta a fol.15 u 16 ta’l-atti processwali. L-uniku dokument esebiet mill-konvenut huwa stima ta’ kompressur ta’l-arja fis-somma ta’ Lm935, mahrug minn Grima’s Industrial Supplies Limited fl-1 ta’ April 2003, li presumibbilment huwa wiehed simili ghal dak li gie impartat mas-socjeta Continental Postform Limited.

Illi anke min-naha attrici, l-provi huma piuttist skarni u dana peress illi l-unika prova li tressqet kienet *statement* immarkat bhala Dokument RG1 mahrug favur FITWELL, esebiet a fol.15 u 16 ta’l-atti processwali. L-ebda *invoice* ma giet esebieta, kif lanqas giet esebieta l-ittra ufficjali bir-riferta relattiva, li ghaliha saret referenza fil-korp ta’l-avviz u ghalhekk ghalkemm hemm il-konferma tal-konvenut illi dina l-ittra huwa ircevieha, izda ma jirrizultax meta effettivament gie notifikat bl-istess.

## A. L-eccezzjoni tal-preksrizzjoni

IIlli l-konvenut qieghed jecepixxi l-preskrizzjoni ta’ tmintax-il xahar a tenur ta’l-artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ dik l-azzjoni spettanti lill-kredituri ghal prezz ta’ merkanzija, oggetti u affarijiet ohra mibjugha bl-imnut. Giet invokata dina id-disposizzjoni tal-ligi mill-konvenut, peress illi l-bejgh li kien isir kien konsistenti f’ammonti zghar. Min-naha tieghu l-attur nomine isostni illi l-preskrizzjoni applikabbli ghal kaz hija dik ta’ hames snin u dana peress illi l-konvenut kien klijent regolari u kien jixtri fuq bazi regolari u li l-ammonti involuti kienu piuttost sostanzjali.

Illi l-uniku prova dwar dan huwa l-*istatement* esebiet a fol. 15 u 16 ta'l-atti processwali, id-Dokument RG1 li minnha jirrizulta is-segwenti:

1. Illi l-bejgh kien sar fuq bazi regolari ghal madwar sena u nofs u cioe' mit-23 ta' Frar 1994 sad-19 ta' Settembru 1995. Ma tirrizultax ir-raguni 'il ghala dan in-negozju waqaf.
2. L-ammonti involuti kienu ammonti zghar u kien hemm konsenja wahda biss sostanzjali ta' Lm518 skond invoice datata 15 ta' Lulju 1994 biex b'hekk b'kollox kienet inbieghet merkanzija ghal valur ta' madwar Lm2500.

Illi ghalhekk min ezami ta' dan id-dokument jirrizulta illi il-preskrizzjoni applikabbli ghal dan il-kaz huwa ta' tmintax-il xahar, stante illi l-bejgh kien ta' ammonti relattivament zghar u fuq medda qasira taz-zmien. Ghalhekk dana ma jistax jikkwalifika bhala bejgh bil-grossa (*wholesale*) li ghalih certament hija applikabbli l-preskrizzjoni tal-hames snin ai termini ta'l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili (ara sentenza Emanuel Micallef pro.et.noe. vs Francis Mercieca – Qorti ta'l-Appell – 26.05.1967).

Illi mill-istess dokument jirrizulta illi l-ahhar pagament li gie effetwat kien fis-6 ta' Gunju 1996 u fl-istess zmien kien sar it-tpartit tal-kompressuri kif xehed il-konvenut stess. Wara dan intbaghtet l-ittra ufficjali fil-25 ta' Jannar 2001 li pero' ma jirrizultax meta giet notifikata l-istess lill-konvenut ghalkemm fill-korp ta'l-avviz jinghad illi tali notifika sehhet fit-30 ta' Jannar ta'l-istess sena. Dina l-ittra ufficjali bir-riferta relattiva qatt ma giet esebieta.

Illi ghalhekk bejn id-data ta'l-ahhar pagament u l-prezentata ta'l-ittra ufficjali certament ghaddew iktar minn tmintax-il xahar. F'dan il-perijodu l-konvenut jikkontendi illi huwa qatt ma irceva l-ebda komunikazzjoni min-naha tas-socjeta Continental Postform Limited, liema affermazzjoni ma hijiex kontestata mill-attur nomine, tant illi huwa haseb illi ma kienet tezisti l-ebda pendenza ma'l-imsemmija socjeta wara li kien sar it-tpartit tal-kompressuri. L-istess konvenut jikkontendi inoltre illi l-ittra ufficjali huwa

ircevieha tard u dana peress illi intbaghtet f'indirizz zbaljat. Illi tali affermazzjoni ma setghetx tigi ivverifikata u dana peress illi kif diga inghad l-ittra ufficjali in kwistjoni bir-riferta relattiva qatt ma giet ipprezentata mill-attur nomine.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddecidi billi jiddikjara illi d-dejn li tieghu qieghed jintalab il-hlas permezz tal-prezenti azzjoni huwa preskritt ai termini ta'l-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili u kwindi ighaddi biex filwaqt li jilqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut, jichad it-talba attrici kif dedotta.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------